FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 10 TA' OTTUBRU, 1996

Avv. Nru. 284/96

The Performing Right Society Limited

vs

Saviour Baldacchino

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Gunju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' ammont ta' Tnax il-Lira Maltija (Lm12.00), "royalty" fl-taxxa fuq il-Valur mizjud fuq l-istess kif ukoll ammont ta' Lira u tmenin centezmu (Lm1.80), "royalty" fl-quddiem in konnessjoni mal-licenzja, numru 7421, Dok.A, dovut bil-rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Four Seasons Club, 53 Naxxar Road, Birkirkara, ghall-perijodu mis-6 ta' Jannar, 1996 sal-5 ta' Jannar, 1997;

Bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-avviz komprizi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Marzu, 1996, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda tal-P.L. Jonathan De Maria li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti ezebiti;

Ikkunsidra li mix-xhieda mismugha jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni huwa dovut;

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lil konvenut jhallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' Tlettax il-Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm13.80), kif fuq inghad; kif ukoll l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv;

L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Marzu, 1996, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.